**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jeffrey Scicluna**

**Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Omissis**

**Gilbert Galea**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 27 ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Gilbert Galea**, iben Anthony u Rita nee Caruana, imwieled Pieta, nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tal-elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) u residenti gewwa "Sueno", Triq Santa Marija, Zurrieq, Malta detentur tal-karta tal-

identita' bin-numru 88191 (M) u **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 736062 (M) billi huma akkuzati talli f'dawn il-gzejjer, bejn Novembru 2015 u Dicembru 2017, b'diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ircivew minghand xi hadd iehor jew kisbu minghand xi haddiehor xi wieghdha li jinghataw lilhom jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew qliegh iehor taht liema ghamla tkun, b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 298(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli matul l-istess perjodu msemmi hawn fuq bl-imgieba taghhom ikkagunaw biza li se juzaw vjolenza kontra l-persuna ta' Elton Saliba jew tal-familjari tieghu nkluzi wliedu, u/jew kontra l-propjeta tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli ngurjaw jew heddu lil Elton Saliba u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Onorabbli Qorti biex tipprovdi sigurta ghal skop ta' Protezzjoni ta' Elton Saliba u l-familjari tieghu taht l-Artikolu 412 C.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta'spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li sar separazzjoni tal-gudizzju fl-4 ta' Dicembru 2018 (a fol 366).

Semghet lid-Difiza tiddikjara li l-imputat ma kienx sejjer jixhed.

Rat id-dokumenti kollha prezentati mid-difiza.

Rat li minkejja li fil-verbal tas-seduta tal-hmistax (15) ta' Jannar 2020, il-Prosekuzzjoni, il-parte civile u d-difiza kienu inghataw zmien biex iressqu n-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, hadd mill-partijiet ma ipprezenta n-nota tieghu.

Ikkunsidrat:

- **Sintezi tax-Xhieda Migbura**

**Elton Saliba** (Fol. 32 et seq) xehed li fis-sittax (16) ta' Dicembru 2017 kienu qabduh dwejjaq kbar u ried li jnehhi hajtu b'idejh. Huwa kien wasal f'dan l-istat ghaliex kien isellef l-ammont ta' sebat elef u hames

mitt ewro (€7,500) u dawn spiccaw intelghu ghal mija u hamsa u ghoxrin elf ewro (€125,000). Il-parte civile spjega li hu kien beda billi isellef l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) minghand l-imputat Gilbert Galea. Gilbert kien gab dan l-ammont minghand missieru. Minn dan l-ammont huwa kien hallas l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) permezz ta' tlett pagamenti ta' hames mitt ewro (€500) 'l wiehed. Kompla jghid li huwa kien isellef dawn il-flus peress li kellu snack bar li huwa xtaq li jimmodernizzah. Apparti l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) huwa kien isellef wkoll l-ammont ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500). Minn dan l-ammont huwa ma kien hallas xejn. F' Jannar 2017, dawn is-sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) intelghu ghal mitejn u ghoxrin elf ewro (€220,000). Gilbert Galea kien talbu biex ihallas dan l-ammont. Gilbert Galea anke talbu biex idawwar il-penthouse li kellu Saliba fuqu. Saiba kien anke involva lil tal-Caritas ghall-ghajnuna.

Ix-xhud kompla jghid li fis-sebgha (7) ta' Dicembru 2017 huwa kien sejjer lura d-dar mix-xoghol u sab lil Gilbert Galea jistennieh fejn id-dar. Galea qallu li kien se jiffrankalu xi haga u talbu mija u ghoxrin elf ewro (€120,000). Tlett ijiem wara Gilbert Galea rega' avvicinah u ziedlu tletin elf ewro (€30,000) ohra u sostna mieghu li sal-Hadd ta' qabel il-Milied kellu jaghtih mija u hamsin elf ewro (€150,000). Sostna li Galea qallu li jekk ma kienx sejjer igib il-flus, il-Milied la kien se jgwadieh ix-xhud u lanqas hu. Saliba fetah qalbu ma' wiehed habib tieghu u infurmah li kien se jnehhi hajtu b'idejh. Pero dan habibu lahaq ghamel rapport mal-Pulizija l-Pulizija rnexxielhom isibu lill-parte civile.

Ix-xhud kompla jghid li xi snin aktar qabel kien isellef sebat elef ewro (€7,000) mingand Galea. Hu kien tahom lura tmienja u sebghin elf ewro (€78,000). Dan il-hlas kien sar fi flus kontanti. Elton qal li dawn il-flus kien ghaddihomlu missieru u Elton kien ha hsieb jghaddi dawn il-flus lil Gilbert Galea.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud ikkonferma li huwa kien ha b'self sebat elef u hames mitt ewro (€7,500). Minn dan l-ammont huwa hallas elfejn ewro (€2,000) u l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500). Ghalhekk l-ammont tas-self kien ghadu mhux imhallas kollu.

Mistoqsi kif kien rega' mar biex jissellef minghand Gilbert Galea meta tlett (3) snin aktar qabel, ix-xhud kien hallas lil Gilbert Galea l-ammont ta' tmienja u sebghin elf ewro (€78,000) ghal sebat elef ewro (€7,000) ix-xhud wiegeb li Galea ma kellux jehodlu daqshekk. Mistoqsi wkoll kif din tat-tmienja u sebghin elf ewro (€78,000) ma kienx semmieha lill-Pulizia meta sar ir-rapport, ix-xhud wiegeb li ma kienx semmieha ghax ma riedx jikxifhom.

**<u>PC 101 Ruznai Gaffarena</u>** (Fol. 44 et seq) xehed li fis-sittax (16) ta' Dicembru 2017 Daniel Vella kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Hamrun li Elton Saliba kienet nieqes. Vella informa lill-Pulizija li Saliba kien baghtlu messagg u kien indika li Saliba seta' kien fi hsiebu jaghmel suwicidju. Il-Pulizija bdew mill-ewwel bl-investigazzjonijiet taghhom u wara xi hin, huma rcivew informazzjoni li Saliba kien fir-residenza tieghu ma' martu. Il-Pulizija marru fid-dar tar-residenza ta' Saliba u

minn hemm Saliba kien ittiehed il-klinika tal-Furjana biex jigi invistat minn tabib. Ir-rapport li kien sar ghalhekk inghalaq dakinhar.

Fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru 2017, ix-xhud rega' cempel lil Saliba u dan qallu li kien ilu imsakkar id-dar erbat (4) ijiem ghax qallu li kien hemm in-nies jigru warajh. Il-Pulizija marru d-dar biex ikellmu lil Saliba u dan qalilhom li kellu problema kbira ta' uzura. Kien qalilhom li kien isellef sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) u l-ammonti tant kienu telghu li ma setax ilahhaq maghhom. Kien anke rcieva xi theddid mill-persuna li kien sellfu l-flus fis-sens li hu (Saliba) ma kienx se jgawdi l-Milied. Saliba ittiehed id-Depot biex ikellem lill-Ispettur Sylvana Briffa. Huwa tkellem mal-Ispettur Briffa u minn hemm harget l-istorja li huwa kien isellef xi flus minghand Gilbert u Anthony Galea. Saliba iddecieda li ried jaghmel rapport fuq il-kaz u fil-fatt sar rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt, liema rapport sar mal-Ispettur Scicluna.

**<u>WPC 60 Grace Bianco</u>** (Fol. 47 et seq) xehdet li fis-sittax (16) ta' Dicembru 2017, il-Pulizija rceviet rapport li Elton Saliba kien nieqes. Ir-rapport sar minn habib tal-istess Elton Saliba. Il-Pulizija irnexxielha issib lil Saliba u x-xhud flimkien ma' kollega taghha marru jkellmu lil Saliba. Saliba kien jidher imbezza' hafna u kien ilu gimgha ma johrog mid-dar. Mill-istharrig li kienet ghamlet il-Pulizija irrizulta li Saliba kien fetah hanut tat-te. Huwa kellu bzonn xi flus u kien isellef xi flus minghand Gilbert Galea. B'kollox issellef sebat elef u hames mitt ewro (€7,500). Gilbert Galea beda javvicinah biex ihallas lura d-dejn u kull darba kien qieghed jghollilu s-somma li kellu jhallas lura. Saliba ippanikkja u beda jibza' li ma kienx sejjer jirnexxilu jhallas l-ammont

kollu. Saliba kien gie mitkellem mill-Ispettur Sylvana Briffa mill-Victim Support Unit u minn hemm imbaghad sar rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt. Ix-xhud temmet tghid wkoll li Saliba ma kienx qed johrog mid-dar ghax kien qed ihossu mhedded minn Gilbert Galea. Dan peress li Galea kien qallu li ma kienx se jgawdi l-Milied.

**<u>L-Ispettur Jeffrey Scicluna</u>** (Fol. 50 et seq) xehed li fil-21 ta' Dicembru 2017 huwa kien tkellem ma' Elton Saliba fejn dan qallu li kien issellef l-ammont ta' sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) minghand Gilbert Galea, l-ewwel l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) u imbaghad l-ammont ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500). Gilbert Galea kien gab il-flus minghand missieru Anhtony Galea. Saliba spjega li meta inghata l-flus huwa kellu jhallas hames mitt ewro (€500) fix-xahar. Biex jinqata' d-dejn ta' tlett elef ewro (€3,000) huwa ried ihallas l-ammont totali ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500). Ix-xhud qal li Saliba kien ghaddihielu zewg ricevuti rigward is-self li kien sar, liema ricevuti kellhom il-firma ta' Gilbert Galea fuqhom. L-Ispettur indika wkoll li l-Pulizija kienu gew murija numru ta' smses fuq il-mobile ta' Elton Saliba minn fejn irrizulta li Saliba kien qieghed jintalab ihallas l-ammont ta' mija u hamsin elf ewro (€150,000) u li l-ammont inizjali li wassal ghal tali somma kien l-ammont ta' sebat elef u hames mitt ewro (€7,500). L-Ispettur ghamel riferenza ghal theddiha li kien rcieva Saliba fis-sens li jekk ma kienx sejjer jaghti l-flus lil Galea, la Saliba u lanqas Galea ma kienu sejrin igawdu l-Milied.

**<u>L-Ispettur Priscilla Caruana Lee</u>** (Fol. 64 et seq) xehdet li hija kienet giet infurmata dwar rapport li kien sar mal-Ispettur Jeffrey Scicluna dwar

theddid li kien sar minn Gilbert u Anthony Galea fil-konfront ta' Elton Saliba. Dan wara li Saliba kien issellef xi flus minghandhom. Gilbert Galea kien ta stqarrija lill-Pulizija wara li kien ikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu. Gilbert Galea stqarr mal-Pulizija li huwa kien jaf lil Elton Saliba peress li kien jahdem fit-Taxis. Huwa ammetta li kien sellef sebat elef u tmien mitt ewro (€7,800) lil Saliba. Saliba kien hallas lura tmint elef ewro (€8,000). Gilbert kien qal li ghamel karta f'isem missieru peress li missieru ma kienx jaf jikteb u jaqra. Il-karta pero kienet giet iffirmata minn missieru. Il-mitejn ewro (€200) zejda kienu ghal missier Gilbert. F'xi zmien tal-Caritas kienu ghamlu kuntatt ma' Gilbert fejn saqsewh jekk huwa kienx sellef xi flus lil Saliba u jekk kienx ghad baqa' flus pendenti. Elton kien imbaghad ghamel kuntatt ma' Gilbert fejn qallu biex jinjora t-telefonata li saret mill-Caritas.

Xi zmien wara Elton rega' avvicina lil Gilbert. Huwa qallu li ma riedx flus. Ried biss li Gilbert jibghatlu messaggi kuljum dwar flus li kellu jaghtih biex Elton jkun jista' jmur ghand missieru sabiex b'hekk jurieh li qed jigi mhedded u b'hekk Elton jkun jista' jgib il-flus minghand missieru. Gilbert ammetta li huwa kien baghat dawn il-messaggi ta' theddid lil Elton.

Meta gie muri ricevuti ta' self ta' flus fl-ammont ta' erbat elef u hames mitt ewro (€4,500), Gilbert cahad li kien hu li iffirma dik l-ircevuta.

L-Ispettur hadet wkoll l-istqarrija ta' Anthony Galea fejn dan ikkonferma li hu ma kienx jaf jikteb u jaqra. Anthony sostna li l-karta li saret meta huwa sellef xi flus lil Elton kienet saret minn ibnu Gilbert u li

hu kien iffirmaha. Anthony Galea ikkonferma li l-flus kienu thallsu kollha u Elton kien tah mija u hamsin ewro (€150) aktar biex Anthony Galea jkun jista' jixrobhom.

L-Ispettur temmet tghid li hija kienet ghamlet tfittxija gewwa d-dar ta' residenza ta' Gilbert Galea fejn instabet is-somma ta' dsatax -il elf ewro (€19,000). Gilbert sostna li dawn kien gabhom mix-xoghol tieghu u kellu bzonnhom peress li kien qed ihallas xi deposits biex jirranga l-post. Gilbert Galea sostna li huwa qatt ma kien sellef flus pero kien iddecieda li jsellef lil Elton ta' hbieb. Fir-rigward ta' Anthony Galea nstabu l-ammont ta' tnax -il elf ewro (€12,000). Anthony Galea qal li l-flus kien gabhom milll-kera ta' post li kellu.

**<u>PC 1338 Noel Apap</u>** (Fol. 68 et seq) ipprezenta l-okkorrenza relattiva ghar-rapport li ghamel Elton Saliba fl-ghassa tal-Belt. Elton kien jidher li kien anzjuz hafna u fi stat ta' dipressjoni kbira. Hu ma tantx ried jikkoopera mal-Pulizija.

**<u>Carmelo Saliba</u>** (Fol. 74 et seq) xehed li huwa jigi missier Elton Saliba. Spjega li huwa kien ta xi flus lil ibnu f'Jannar 2015. Ibnu kien issellef xi sebat elef ewro (€7,000) minghand Gilbert u dan talbu lura mija u hamsin elf ewro (€150,000). Carmelo Saliba kompla jghid li huwa kien ghamel tajjeb lil ibnu u gab wiehed u tmenin elf ewro (€81,000) mill-Bank. Minn dan l-ammont Elton ta tmienja u sebghin elf ewro (€78,000) lil Gilbert Galea.

**In kontro-ezami** Carmelo Saliba ikkonferma li darba minnhom ibnu kien talbu xi flus u huwa kien sellfu. Mistoqsi jekk meta ibnu qallu li kien issellef il-flus minghand haddiehor b'imghaxxijiet gholja, huwa kienx qallu biex imorru l-Pulizija, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li min kien sellef il-flus lil ibnu beda jheddu. Mistoqsi jekk ibnu kienx tilef flus minhabba imhatri marbuta mal-elezzjoni u anke kienx tilef dar, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Qal li ibnu kien biegh id-dar. Mistoqsi ghalfejn imbaghad xi zmien wara x-xhud kien xtara penthouse biex fiha joqghod ibnu meta ibnu suppost kellu l-flus li kien gab mill-bejgh tad-dar tieghu, ix-xhud ammetta li ibnu kien laghab id-dar. Ghalkemm imbaghad wara rega' biddel il-verzjoni u qal li ibnu kien biegh id-dar.

**Daniel Vella** (Fol 81 et seq) xehed li fis-sittax (16) ta' Dicembru 2017 huwa kien cempel lil Elton Saliba u dan Elton qallu li kellu l-problemi ghaliex ried ihallas somma kbira ta' flus sal-Hadd. Qal lil Vella biex ma jcempillux aktar ghax kien ha jitfi l-mobile. Kien anke bghatlu xi messaggi fejn qallu li Vella ma kienx sejjer jarah aktar u wara dak Saliba kien tefa' l-mobile. Mill-messaggi li baghtlu Saliba, dan ta x'jifhem lil Vella li Saliba kien se jaghmel suwicidju. Vella qal li huwa ha parir u iddecieda li jaghmel rapport li Elton Saliba huwa nieqes.

**PS 507 Rhys Cassar** (Fol. 100 et seq) xehed li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru 2017 kien gie infurmat mill-Ispettur Jeffrey Scicluna li kien hemm zewg mandati ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' Anthony u Gilbert Galea li kienu joqoghdu z-Zurrieq. Huwa kien mar biex jesegwixxi dawn il-mandati. Waqt it-tfittixija fil-kamra tas-sodda ta' Gilbert Galea instabet is-somma ta' dsatax -il elf u mitejn ewro (€19,200).

Gilbert qal lill-Pulizija li kellu dawk il-flus ghaliex kien sejjer jizzewweg u kien qieghed jirranga l-post. Anthony Galea min-naha tieghu ghadda lill-Pulizija l-ammont totali ta' tnax -il elf mija u sittin ewro (€12,160). Dawn kienu flus li Anthony Galea qal li kien gabhom minn hlas ta' kera. Il-flus gew elevati mill-Pulizija.

**<u>PS 1024 Jeffrey Rizzo</u>** (Fol. 104 et seq) xehed li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru 2017 hu flimkien ma' kollegi ohra kienu ghamlu tfittxija fid-dar ta' residenza ta' Anthony u Gilbert Galea. Fil-kamra tas-sodda ta' Gilbert Galea instabet is-somma ta' madwar dsatax -il elf ewro (€ 19,000). Gilbert sostna mal-Pulizija li dawn il-flus kienu qeghdin hemm ghaliex kien se jizzewweg fil-qrib u ried ihallas xi deposits ghall-kcina u ghall-post. Anthony Galea ghadda lill-Pulizija l-ammont totali ta' madwar hdax -il elf ewro (€11,000). Parti minnhom kienu flus li kien gabar minn xi kera filwaqt li l-flus l-ohra kienu flus li huwa kien gemma peress li ma kellux kontijiet il-Bank.

**<u>Martin Bajada</u>** (Fol. 191) xehed li huwa kien gie nominat mill-Qorti sabiex jezamina l-kontenut ta' hames (5) cellulari, jikseb il-call profiles u jaghmel analizi tal-call profiles. Huwa ghamel dan l-ezercizzju u silet il-messaggi li kienu gew skambjati kif wkoll it-telefonati li saru.

**<u>Joseph Mallia</u>** (Fol. 311) xehed li huwa kien gie nominat mill-Qorti sabiex jezamina zewg notamenti markati Dok ES1A u ES1B. L-espert ghamel ezami komparattiv bejn il-firem "G. Galea" u "E. Saliba" li jidhru fuq dawn id-dokumenti u l-kampjuni tal-firem tal-imputat Gilbert Galea u l-parte civile Elton Saliba. Huwa ikkonkluda li mill-

ezami komparattiv tal-firem li jidhru fuq id-dokumenti esebiti irrizultaw punti karatteristici li huma komuni mal-firem ta' Galea u Saliba rispettivament.

**<u>Alison Mifsud Brimmer</u>** (Fol. 343) ghan-nom tal-HSBC Bank Malta plc xehdet li minn ricerka maghmula irrizulta li Anthony Galea kellu loan flimkien ma' terza persuna. Fuq jekk Anthony Galea kellux assikurazzjonijiet jew le, ix-xhud ma kelliex din l-informazzjoni.

**<u>Shaun Briffa</u>** (Fol. 367 et seq) xehed li Anthony u Rita Galea kellhom fuq isimhom polza ta' assikurazzjoni marbuta ma' self li huma ghandhom mal-HSBC Bank Malta plc.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jitratta allegat self ta' flus mill-imputat Gilbert Galea lill-parte civile Elton Saliba b'imghax jew qliegh li jeccedi dak permess mil-ligi. Il-parte civile jallega li fuq self ta' sebat elef u hames mitt ewro (€7,500) kien intalab ihallas lura minn Gilbert Galea l-ammont ta' mija u hamsin elf ewro (€150,000). Il-parte civile jallega wkoll li huwa kien gie mhedded jekk ma jhallasx dan l-ammont entro zmien stabbilit. Jghid li huwa wasal sabiex ghamel dan ir-rapport kontra l-imputat ghaliex kien wasal fi stat ta' disprament u kien anke qed jikkunsidra li jaghmel suwicidju.

Ikkunsidrat

- **<u>It-Talba ghall-Isfilz tax-Xhieda tal-Parte Civile</u>**

Qabel xejn din il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra t-talba li saret mid-difiza fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Jannar 2020 sabiex tigi sfilzata x-xhieda tal-parte civile. F'dik is-seduta d-difiza kienet talbet hekk: "*Dr Arthur Azzopardi f'isem l-imputat, tenut kont illi dawn huma proċeduri sommarji (original competence), tenut kont illi l-gustizzja trid issir fi zmien ragonevoli, tenut kont illi l-Parte Civile tramite l-Avukati tieghu ripetutament wieghed u intrabat li ser jattendi at fini tal-kontro-ezami, liema weghdi ma zammhom qatt, lanqas biex jixhed tramite skype, id-difiza titlob illi x-xhieda ta' Elton Saliba tigi sfilzata stante li d-drittijiet tal-imputat bl-agir ta' Elton Saliba qeghdin jigu lezi.*"[1]

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

(A) Elton Saliba kien ta d-deposizzjoni tieghu fl-erbgha (4) ta' Jannar 2018. F'dik l-istess seduta kien inbeda l-kontro-ezami tieghu, liema kontro-ezami pero ma giex ezawrit f'dik is-seduta u l-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami gie rizervat sabiex jitkompla f'seduta ohra;[2]

(B) Fid-disgha (9) ta' Mejju 2018 il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fil-kaz;[3]

[1] Fol. 485.
[2] Fol. 32 et seq tal-process.
[3] Fol. 310 tal-process.

(C) Fil-hamsa (5) ta' Ottubru 2018 saret l-ewwel talba mid-difiza biex jitkompla l-kontro-ezami tal-parte civile Elton Saliba. Il-parte civile ma deherx;[4]

(D) Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Dicembru 2018, il-legali tal-parte civile kienu ippromettew li Elton Saliba kien sejjer jkun prezenti ghas-seduta li jmiss sabiex isirlu l-kontro-ezami.[5] Fis-seduta ta' wara u cioe dik tal-hmistax (15) ta' April 2019, il-parte civile rega' ma deherx biex isirlu l-kontro-ezami[6] kif lanqas ma deher fis-seduti tat-tnejn (2) ta' Lulju 2019[7], tnejn (2) ta' Ottubru 2019[8], tnax (12) ta' Novembru 2019[9] u l-hmistax (15) ta' Jannar 2020[10]. F'numri ta' seduti l-legali tieghu ippromettew li Saliba kien se jidher jew li se jsiru l-arrangamenti necessarji biex Saliba jixhed. Pero xejn ma immaterjalizza;

(E) Jirrizulta ghalhekk li d-difiza kienet ilha mill-hamsa (5) ta' Ottubru 2018 titlob li jsir / jitkompla l-kontro-ezami tal-parte civile, liema kontro-ezami baqa' ma sarx.

Huwa u jitkellem fuq il-kontro-ezami, l-awtur Peter Murphy jispjega li permezz tal-kontro-ezami: "*a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and*

[4] Fol. 351 tal-process.
[5] Fol. 366 tal-process.
[6] Fol. 460 tal-process.
[7] Fol. 462 tal-process
[8] Fol. 465 tal-process
[9] Fol. 466 tal-process
[10] Fol. 485 tal-process.

*(b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible."*[11]

L-awtur G. D. Nokes jghallem li "*Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness […] it is designed to test the accuracy of the witness's evidence […] cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation."*[12] L-awtur Ian Dennis jishaq fuq l-importanza li jkun hemm il-possibilita tal-kontro-ezami: *"The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake."*[13]

M'hemmx dubju li l-kontro-ezami huwa wahda mill-iktar armi essenzjali ghad-difiza ta' akkuzat stante illi permezz tal-ghodda tal-kontro-ezami l-imputat tramite l-legali tieghu jkun jista' jikkontrolla x-xhud, jivverifika jekk huwiex jigdeb jew jghid il-verita', jistharreg kemm ix-xhieda tieghu ghandiex mis-sewwa u jikkonfrontah fi stadju ulterjuri bi provi kontra ta' dak li jkun qal. Fin-nuqqas tad-difiza li hija tkompli bil-kontro-ezami tal-parte civile Elton Saliba, u dan minhabba ragunijiet li huma direttament imputabbli lill-istess Elton Saliba, li naqas li jattendi

[11] Peter Murphy, Murphy on Evidence, 7th ed., 2000; p. 509
[12] An Introduction to Evidence, 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; pp.407–408
[13] 3 Law of Evidence, Sweet & Maxwell 4th ed., 2010; p.596

sabiex isirlu l-kontro-ezami jew alternattivament li jaghmel l-arrangamenti necessarji biex tali kontro-ezami jsir b'mezzi awdjo-vizivi, **<u>din il-Qorti tinsab kostretta li tordna l-isfilz tax-xhieda tal-parte civile Elton Saliba.</u>**

Li kieku l-Qorti kellha thalli l-istess xhieda fil-process, dan sejjer jkun leziv tad-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq. Il-Qorti taghmel riferenza ghal kaz fl-ismijiet **<u>Carmel Saliba vs Malta</u>** deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru 2016 (Applikazzjoni Numru 24221/13) fejn l-ECHR kienet ikkummentat hekk f'paragrafu 76 dwar il-fatt li l-applikant ma kienx thalla jaghmel kontro-ezami ta' xhud: *"The applicant complained about his inability to cross-examine one of the witnesses, namely Ms Z. The Court notes that although the applicant failed to raise the matter before the Court of Appeal, the courts at two levels of constitutional jurisdiction assessed the matter on the merits. The Court notes that the civil court at first-instance gave no specific reasons in reply to the applicant's request to expunge Ms Z.'s statement from the record and therefore its decision to accept the testimony despite the applicant not having the opportunity to cross-examine the witness. The courts at two levels of constitutional jurisdiction assumed these reasons, concluding that the judge had acted within his discretion and that no prejudice had been caused to the applicant. The Court considers that even though Ms Z. did not identify the applicant in her testimony, she had been the only other witness present on the day of the robbery. Since her testimony was accepted, the applicant had a real interest in cross-examining her or of having her statement removed from evidence."* Din kienet wahda mir-ragunijiet abbazi ta' liema l-ECHR waslet biex tikkonkludi li kien hemm ksur tal-artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

- **<u>L-Imputazzjonijiet Migjuba Kontra l-Imputat</u>**

La darba qeghdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Minn ezami tal-atti processwali, huwa car li l-kaz tal-prosekuzzjoni kien qieghed jistrieh principalment fuq id-deposizzjoni ta' Elton Saliba. Il-kuntatti u t-talbiet ghall-hlas tal-imghax kienu allegatament qeghdin jkunu biss bejn il-parte civile u l-imputat Gilbert Galea u hadd aktar. Ghalhekk tenut kont li x-xhieda ta' Elton Saliba qeghda tigi sfilzata ghar-ragunijiet gia indikati aktar qabel f'din is-sentenza, jigi li fl-atti m'hemmx provi li jlahhqu l-livell probatorju rikjest ghall-sejbien ta' htija. Ix-xhieda kollha li xehdu f'dawn il-proceduri b'eskluzjoni ta' Elton Saliba kollha qeghdin jirraportaw dak li qalilhom Elton Saliba. Il-fatt li l-firem fuq l-ircevuti gew konfermati mill-istess espert tal-Qorti li kellhom somiljanza ghall-firem tal-parte civile u l-imputat Gilbert Galea huma utili biss biex jikkonfermaw li sar self bejn il-partijiet. Imma ma jitfghux dawl fuq jekk kinux qeghdin jintalbu imghaxxijiet b'eccess minn dak li tippermetti l-ligi. L-allegati SMSes li intbaghtu u li gew estrapolati mill-espert Dr Martin Bajada mhumiex konfermati mill-parte civile (la darba x-xhieda tal-parte civile giet sfilzata) u ghalhekk m'ghandhomx valur probatorju b'saħħtu li jista' jwassal ghal sejbien ta' htija. Il-veracita wara

dawn il-messaggi tintefa' wkoll f'dubju mill-fatt li jidher li Elton Saliba kellu wkoll problema ta' loghob. Infatti f'hin minnhom Carmelo Saliba (missier Elton Saliba) waqt id-deposizzjoni tieghu jghaddi kumment fejn jghid: *"Ghidtlu x'ghamilt b'idek jiena ghax laghab id-dar"* ghalkemm sussegwentement huwa jichad li ibnu laghab id-dar. Ma jistax ghalhekk jigi eskluz b'certezza li l-messaggi skambjati setghu kienu xi messa in xena da parti tal-parte civile. Din il-Qorti tinnota li lanqas ma' itella jixhed ir-rapprezentant tal-Caritas li allegatament ghamel kuntatt ma' Gilbert Galea fuq talba tal-parte civile Elton Saliba.

Apparti minn hekk ghalkemm l-istess Carmelo Saliba, missier il-parte civile xehed f'dawn il-proceduri u jirreferi ghall-fatt li huwa kien ta tmienja u sebghin elf ewro (€ 78,000) biex ibnu allegatament jhallas lil Gilbert Galea, mill-istatements esebiti mill-istess Carmelo Saliba jirrizulta li Carmelo Saliba kien gibed il-flus mill-Bank fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 2015 u fis-sbatax (17) ta' Frar 2015 rispettivament.[14] Carmelo Saliba jaghti x'jifhem li dawn kienu thallsu ftit wara. L-imputazzjonijiet odjerni qeghdin jirreferu ghall-perijodu bejn Novembru 2015 u Dicembru 2017 u ghalhekk anke jekk ghall-grazzja tal-argument sehh xi reat bi ksur tal-artikolu 298(c) tal-Kap. 9 meta sar il-hlas tal-ammont ta' € 78,000 ma tista' tinstab l-ebda htija tenut kont tal-binarju ta' zmien indikat fl-istess imputazzjonijiet.[15]

---

[14] Ara fol. 80 tal-process.

[15] Ara f'dan is-sens dawn is-sentenza decizi mill-Qorti tal-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs John Mary Briffa** deciza fit-18 ta' Ottubru 2005; **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011; **Il-Pulizija vs Fr Michael Camilleri** deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2018 (Appell Nru 440/2017)

La darba il-livell ta' prova rikjest fi proceduri penali ma intlahaqx, il-Qorti trid bil-fors tillibera.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti, din il-Qorti mhux qeghda issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u ghalhekk qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Stante li l-imputat Gilbert Galea ma nstabx hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih il-Qorti mhux qed tilqa t-talba tal-prosekuzzjoni biex tissekwestra l-assi mobbli u immobbli tieghu u tordna li titnehha fil-konfront tieghu l-ordni tal-iffrizzar mahruga nhar it-18 ta' Jannar 2018.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lit-Taqsima tal-Iffrizar tal-Assi biex x'hin din is-sentenza tghaddi in gudikat issir il-pubblikazzjoni necessarja dwar it-tnehhija tal-iffrizar tal-assi mobbli u immobli ta' Gilbert Galea.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur